MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Rikors Numru. 857/1997/1

Gaetan Azzopardi
vs
Id-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u s-Segretarju Amministrattiv

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1989 ir-rikorrent sofra ingustizzja billi ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:
Fl-20 ta' Mejju 1988 kienet saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Technical Officer I u Technical Officer II fi hdan id-Dipartiment tax-Xogholijiet (Dok A). Ir-rikorrent applika specifikatament ghall-grad ta' Technical Officer I (Dok B). Ghar-rigward tal-grad ta'

Technical Officer II huwa kien gie mgharraf illi ma setax japplika billi ma kienx fil-grad ta' Technical Officer I.

Ir-rikorrent ma kisibx il-promozzjoni ghall-grad li applika ghalih. Il-process ta' l-ghazla li sar kien wiehed li ppreferixxa indebitament lil persuni li mhux biss fic-cirkostanzi kollha, komprizi s-"seniority" l-esperjenza u l-abilita`, ma kellhomx dritt aktar milli kellu r-rikorrent illi jinghazlu pero` sahansitra ghalkemm kienu jokkupaw gradi inferjuri ghal dak tar-rikorrent gew promossi, anke f'uhud mill-kazi ta' promozzjoni, ghall-grad ta' Technical Officer II. B'hekk gara wkoll li minghajr ebda raguni valida saret l-ghazla ta' persuni li gew li hadu zewg promozzjonijiet f'daqqa.

Ir-rikorrent mhux biss ma nghatax promozzjoni ghall-grad ta' Technical Officer I, kif spjegat, izda wkoll ma nghatax l-opportunita` li japplika ghall-grad ta' Technical Officer II.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib provi dwarhom.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi skond il-proceduri applikabbli tkun moghtija lir-rikorrent il-promozzjoni ghall-grad ta' Technical Officer I jew Techncial Officer II mid-data li fiha huwa kien eligibbli ghal tali grad, jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat il-hlas favur ir-rikorrent ta' kumpens xieraq mhux eccedenti s-somma ta' hamest elef Lira Maltija (Lm5000).

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet u tas-Segretarju Amministrattiv li eccepew:

Illi r-rikorrent gie impjegat bhala Labourer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-2 ta' April 1979. Hu lahaq il-grad ta' Electrician fid-9 ta' Jannar 1981. Fil-15 ta' April 1987 hu lahaq il-grad ta' Works Technical Officer. Permezz tar-Riforma li giet fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1991 ir-rikorrent gie assimilat bhala Technical Officer fi Skala 12.

Illi fl-20 ta' Mejju 1988 kienet harget sejha numru 59/88 ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Technical Officer I u II rispettivament. Ir-rikorrent kien jokkupa l-grad ta' Works Technical Officer u ghaldaqstant kien eligibbli biex japplika. Hu nghata n-numru 164 bhala n-numru ta' riferenza. Sussegwentement, gab 47 marka fil-kategorija ta' T.O.I.
Illi r-rikorrent ma rnexxielux jilhaq il-marka pristabbilita mill-bord u ghaldaqstant ma setax jigi kunsidrat ghall-promozzjoni.

Illi jirrizulta li kien hemm 45 applikant li gabu marki ferm ghola minn dawk tar-rikorrent, cioe` li sahansitra qabzu l-marka pristabbilita mill-Bord, izda xorta wahda ma sarux minhabba l-kompliment li kien hemm. Eventwalment saru l-ewwel tletin applikant li gew skond l-ordni tal-mertu u fil-fatt kienu dawk li gabu 63 marka jew aktar.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Geatan Azzopardi pprezenta affidavit u beda biex isemmi lil Francis Cauchi u qal li l-marki li nghata mill-bord ta' l-ghazla ma kienux genwini. Dwar Kenneth Portanier qal li dan ma kienx eligibbli biex japplika ghal-OPM Circular 59/88 izda l-bord ta' l-ghazla ma sabux bhala ineligibbli. Kien hemm ukoll applikazzjoni ohra, 109/88, li ghaliha

setghu japplikaw dawk il-persuni li kellhom claim quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Dwar Carmelo Zammit qal li dan gie dikjarat mhux elegibbli mill-bord ta' l-ghazla meta fil-fatt kellu jitqies bhala applikant skond ic-cirkulari 109/88 peress li kellu claim quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Semma lil Anthony Grech u lil Felix Busuttil u qal li dawk kienu impjegati f'Dipartimenti bla ebda konnessjoni mad-Dipartiment tax-Xogholijiet izda dehru xorta quddiem il-bord.

Semma lil Frankie Fenech, Alfred Portelli, Anthony Grech u John Caruana u qal li dawn applikaw skond OPM circular 59/88 ghal Technical Officer II izda gew rakkomandati mill-Bord biex jigu kunsidrati ghall-post ta' Technical Officer I.

Sostna li skond OPM circular 109/88 min ma kellux il-grad minimu rikjest f' OPM circular 59/88 seta' japplika basta jissusstanzja li kellu claim quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Setghu japplikaw ukoll l-impjegati fil-kariga ta' WTO. Qal li kull WTO li allega li kellu claim quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji gab pass mark u kollha gew rakkomandati ghall-promozzjoni ta' grad wiehed u gieli anki ta' tnejn. Sostna li l-bord ta' l-ghazla mar kontra t-termini espressi fic-cirkularijiet 59/88 u 109/88 u kontra kull etika professjonali ghaliex accetta applikazzjonijiet ta' impjegati bi gradi anqas minn dawk rikjesti u intervistahom meta kien jaf li mhumiex elegibbli.

Qal li l-bord ta' l-ghazla mar kontra paragrafu 6 tal-OPM circular 59/88 peress illi 85% tal-postijiet vakanti ghal TOII imtlew minn impjegati bi gradi inferjuri minn dak ta' TOI. Kompla jghid li kien hemm persuni li allegaw li kellhom claim quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji izda l-applikazzjoni taghhom ghac-cirkulari 59/88 xorta giet accettata.

Sostna li l-bord ta' l-ghazla mexa bl-aktar mod biased possibbli fl-assessment u l-ghoti tal-marki waqt l-interview. Qal li dak iz-zmien hu kien jahdem direttament mal-Perit

Vince Cassar u kellu tahtu sa massimu ta’ mitejn haddiem. Kien hemm zmien meta kien responsabbli ghal xogholijiet ta’ aktar minn progett wiehed fl-istess zmien.

Qal li l-bord ta’ l-ghazla ma tax kaz l-apprentistat li segwa u l-kwalifiki li kellu. Dwar trade experience inghata 20 marka minn 40 izda sostna li kien haqqu aktar ghax kien ilu 22 sena fis-sengha li tghallem u kien ukoll responsabbli minn gangs ta’ haddiema fuq xogholijiet li jitolbu multi-trade know how, mentri l-bord gholla l-marki b’mod ezagerat ta’ applikanti li ma kellhomx xi sengha partikolari. Sostna li kien haqqu aktar marki f’Dipartimental Experience u Personality/Leadership. Qal li waqt li l-bord ta’ l-ghazla ghall-applikazzjoni 59/88 irrakkomandat lil certu applikanti biex jiehdu l-promozzjoni, bord differenti ghal grad inqas minn TOI sabhom mhux tajbin ghall-promozzjoni.

Semma li kien applika ghall-Technical Officer I biss u ma ftakarx jekk kienx hemm xi kollegi tieghu li applikaw ghal Tech I u II. Qal li ilment quddiem il-Kummissjoni ma kellux u ma kienx jaf li kienet harget sejha ohra ghal nies li kellhom applikazzjoni quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji. Qal li kien ghamel ilment dwar l-esperjenza fix-xoghol fejn kien hemm min inghata marki aktar minnu meta hu dejjem hadem fil-Public Works Department u kien hemm nies li hadu aktar minnu meta kienu gejjin mill-Agrikoltura u dipartimenti ohra.

Semma li fid-dipartiment kien hemm min kellu anqas esperjenza minnu fosthom Francis Cauchi minn Ghawdex li kien ghamel 11-il sena u telaq, rega’ gie lura u nghata l-promozzjoni. Qal ukoll li kien hemm xi gang leaders tal-Kalaxlokk li kienu qabzuh li anqas biss kienu fid-dipartiment taghhom. Semma li dahal mal-Gvern bhala Labourer fit-2 ta’ April 1979 u fid-9 ta’ Jannar 1981 sar Electrician. Wara fil-15 ta’ April 1987 sar Works Technical Officer u f’Jannar 1991 permezz tar-re-organisation gie assimilat bhala Technical Officer fi skala 12. Semma li hu kien isejjah lilu nnifsu bhala Acting Technical Officer ghax kien qed jaghmel dak ix-xoghol u kien qed jaghmel xoghol above his grade. Semma li waqt l-interview wiehed minn

nies kien is-Sur Vince Magri li kien persuna teknika u li huma kienu jafu lil xulxin u qatt ma kellhom problemi personali bejniethom.

Xehed <u>Emanuel Cortis</u> Principal mad-Dipartiment tax-Xogholijiet u dwar il-kaz in kwistjoni qal li fl-OPM Circular 59/88 kienu applikaw 293 ruh. In segwitu ta' dik l-applikazzjoni ghal Works Technical Officer I lahqu 30 persuna u dawn kienu l-ewwel 30 u l-ahhar wiehed gab 63 marka. Semma li r-rikorrent gab 47 marka maqsumin hekk: kwalifiki 2 marki minn 20, trade experience 20 minn 40, dipartimental knowledge 5 minn 10, personality u leadership 20 minn 30. Qal li r-rikorrent applika biss ghal Tech I.

Dwar Anthony Grech u Felix Busuttil li semma r-rikorrent fl-affidavit tieghu esebixxa lista li fiha l-history kemm ilhom mal-Gvern u hemm specifikati l-karigi li hadu. Dwar Depares Valenzia, Borg Fiorentino, Debono u Grima hemm indikati biss meta dahlu WTO's. Depares Valenzia u Borg Fiorentino dahlu mal-Gvern fl-1 ta' Gunju 1979 fi Group D bhala Mason. Semma li Group A huwa l-anqas grad, dak ta' Labourer u Group D jigu l-linji teknici. George Grima dahal mal-Gvern fit-2 ta' Novembru 1979 bhala Mason u r-rikorrent dahal mal-Gvern f'April 1979 bhala Labourer.

Dwar George Axisa qal li dahal mal-Gvern fil-15 ta' Novembru 1965 bhala Labourer Group A. Francis Cauchi dahal Officer Survey Assistant li kien oghla minn Group D waqt li Joseph Dougall dahal mal-Gvern bhala Carpenter fi Group D. Frank Fenech u Kenneth Portanier dahlu bhala DOSA u Alfred Portelli bhala Labourer fi Group A. Semma li Anthony Grech kien l-ewwel persuna li ha l-grad ta' Technical Officer I fit-30 ta' Mejju 1989 in segwitu ta' decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Felix Busuttil lahaq Technical Officer I fit-13 ta' Lulju 1985. Qal li l-persuni l-ohrajn kollha haduha ta' Technical Officer I fit-30 ta' Mejju 1989. In-numru tar-rikorrent kien 164. Dwar il-breakdown ta' Depares Valenzia kienu bl-istess headings; 10, 27, 6 u 20 b' total ta' 63 marka, ta' Eugenio Debono kienu 18, 30, 8, 20 b'

total ta’ 76 marka u ta’ George Grima kienu 5, 30, 8, 20 b’ total ta’ 63.

Xehed il-Perit Vince Cassar li meta xehed kien Direttur Generali tax-Xogholijiet. Qal li lir-rikorrent jafu minn xi 1979 ghax kien jaqa’ taht ir-responsabbilta` tieghu u kien jahdem mieghu. Zied jghid li r-rikorrent fl-1988 kien gja kwalifikat bhala Works Technical Officer u bhala Electrician u kien jahdem direttament mieghu in charge minn numru ta’ xogholijiet. Semma li l-kwalifiki li kellu kienu tajbin u fit-trade ta’ Electrician kellu snin twal ta’ esperjenza, kif ukoll bhala Works Technical Officer kien jissodisfah f’ dak ix-xoghol li kien jaghmel.

Qal li r-rikorrent kien wiehed mit-tajbin komparat ma’ impjegati ohra tal-istess kategorija u semma li Anthony Cini u certu Busuttil kienu fl-istess livell. Dwar Pacifico Camilleri qal li kien jaghmel xoghol inferjuri minn dak tar-rikorrent u dwar Andrew Farrugia u Anthony Grech, Sanitory Supervisor ma jiftakarhomx. Semma li kienu saru calls combined ghal Technical Officer I u Technical Officer II izda hu ma kienx gie konsultat minn ebda bord dwar ir-rikorrent jew xi applikanti ohrajn. Qal li fl-1988 ir-rikorrent kien jaqa’ tahtu u ghadu tahtu sal-lum. Illum il-gurnata huwa Works Technical Officer izda jghidulhom Technical Officers. Semma li l-bord kien kompost mis-Sur Vince Magri, mis-Sur Joe Spiteri Bailey u xi hadd mill-Establishments. Vince Magri llum il-gurnata huwa Direttur Waste Manufacturing and Services Department u huwa Mechanical Engineer.

Xehed Gregory Schembri li semma li mill-1979 sal-1990 kien Works Manager fid-Dipartiment tax-Xogholijiet fejn kien jiehu hsieb il-Plasterers and Painters u spicca fid-Distrett tar-Rahal Gdid u diversi postijiet ohra. Qal li r-rikorrent kellu xoghol bhalu u ghalhekk gieli kienu jiggieldu ghall-istess nies biex jippruvaw iwettqu l-progetti taghhom. Hu qal li ma jafx ir-rikorrent xi grad kien izda jimmagina li ghall-inqas kien Technical Officer minhabba r-responsabbiltajiet li kellu. Semma li Works Manager huwa l-oghla grad fil-linja teknika u ghalhekk it-Technical Officers I, II u III huma kollha tahtu. L-appointment ta’ Works Manager kien hadu f’Settembru 1979.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi l-ilment tar-rikorrent huwa li in segwitu tal-applikazzjoni 59/88 mahruga fl-20 ta’ Mejju 1988 ghal Technical Officer I u II ir-rikorrent ma giex moghti dan il-grad. Jirrizulta li r-rikorrent applika biss ghal TO I ghalkemm diversi drabi sostna li ma setax japplika ghal TO II ghax ma hallewhx.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa l-ilment tar-rikorrent u jhoss li ghandu jirrileva li jinkombi fuqu li meta jezamina ilment, apparti milli jidhol fl-ezami ta’ eccezzjonijiet ta’ natura legali, jrid jaghmel ukoll evalwazzjoni tal-adattabilita` o meno tal-persuna li tkun qed taghmel l-ilment ghal kariga partikolari in kwistjoni. Fost l-affarijiet li t-Tribunal irid jezamina hi li jqis jekk il-persuna partikolari timpressjonahx favorevolment li kien haqqu tali kariga partikolari u jekk fil-komportament tieghu quddiem it-Tribunal fl-aspetti kollha generali ma jikkonvincix favorevolment lill-istess Tribunal, it-Tribunal ikollu l-obbligu morali li jichad it-talba tar-rikorrent. L-evalwazzjoni tat-Tribunal trid tohrog minn ezami tad-depozizzjoni li jaghti r-rikorrent, tal-mod tal-komportament u agir tieghu fil-kors tal-kawza, ta’ liema dokumenti jgib prova, u l-aspett generali tal-provi li jaghmel. Naturalment dawn kollha jridu jitqiesu flimkien mal-provi l-ohrajn kollha li jingiebu mill-partijiet dwar l-evalwazzjoni tal-kaz in ezami.

Fil-kaz in ezami l-mod ta’ kif gie prezentat l-affidavit it-Tribunal jispicca biex jasal ghall-konkluzjoni li r-rikorrent ma kienx persuna li fiz-zmien in kwistjoni kien haqqha tiehu l-kariga li qed tilmenta minnha.

It-Tribunal bilfors jikkummenta li biex ir-rikorrent jinghata l-hatra kien necessarju li mhux biss igib il-50% tal-marki izda minhabba li gew maghzula numru limitat u cioe` l-ewwel 30 applikant kien jinkombi li r-rikorrent jinghata 63% tal-marki meta hu fil-fatt gab 47. It-Tribunal huwa konxju li kien hemm xi kazi ohra in segwitu ta’ dawn l-applikazzjonijiet 59/88 liema ilmenti t-Tribunal hasshom gustifikati, izda fil-kaz in ezami specjalment meta jqis il-mod kif ir-rikorrent opprezenta l-affidavit tieghu t-Tribunal

ma jhossx li ghandu jimmodifika l-apprezzament moghti mill-bord, u ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjonijiet moghtija mill-intimat.

Stante n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------